# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta ta' l-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**
**Riżorsi:**

**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• ser tinqralhom l-istorja ***"Iz-Ziju ta' l-Awstralja"***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

## IZ-ZIJU TA' L-AWSTRALJA

***L-ewwel parti***

1. Il-jum tant mistenni fl-aħħar wasal. Kien fil-jum tal-Milied meta z-ziju Ġanni, li jiġi ħu ommi Rita u ħu z-zija Grace, kien ġej lura Malta mill-Awstralja wara għoxrin sena jgħix f'dan il-kontinent. Jien, oħti Marija u l-kuġina Sandra qatt ma konna rajnieh qabel. Għalhekk kellna seba' mitt sena biex narawh quddiemna u ngħannquh magħna għall-ewwel darba.

2. Kellu jasal fil-ħamsa ta' filgħodu. Dak il-lejl ħadd minna m'għalaq għajn m'għajn. Konna wisq eċċitati. Mad-daqq tat-tlieta, tlaqna lejn l-ajruport tal-Gudja. Wasalna f'kemm trodd salib għax minn Ħal Tarxien sal-Gudja m'hemmx bogħod u ma ltqajniex ma' ħafna traffiku.

3. L-ajruport kien imżejjen b'ħafna tiżjin tal-Milied li kompla jdaħħalna fl-atmosfera sabiħa tal-Milied. Aħna t-tfal qgħadna naraw xi ajruplani telgħin u niżlin, fil-waqt li l-kbar marru jixorbu kikkra kafè sħuna mir-restorant. Fil-ħamsa bumm, smajna li l-ajruplan li fuqu kien hemm iz-ziju kien illandja. Aħna konna ferħana se ntiru u fl-istess ħin eċċitati.

***It-tieni parti***

4. Aħna lkoll ġrejna lejn is-sala fejn jaslu l-passiġġieri. Ma domniex wisq nistennew għax wara ftit deher iz-ziju jimbotta tliet bagalji kbar. Malli rana ġera lejna biex jgħannaqna. Kulħadd ħassu fis-seba' sema. Tgħidx kemm bkejna u tgħannaqna flimkien. Fi triqitna lejn id-dar, iz-ziju Ġanni beda jgħidilna fuqu u fuq l-Awstralja.

5. Malli wasalna d-dar, kien pront fetaħ il-bagalji u beda jqassmilna r-rigali. Fl-aħħar tana sorpriża sabiħa. Kien ġie biex joqgħod hawn Malta għal kollox. Aħna tgħidx kemm fraħna. Hu kellu joqgħod magħna sakemm isib jixtri villa. Flus kellu kemm jesa' ġildu peress li fl-Awstralja kien għamel ħafna flus.

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Iz-ziju Ġanni wasal Malta | fl-Imnarja.<br>fil-Karnival.<br>fil-Milied.<br>fil-festa tar-raħal. |
| 2. | Omm l-awtur kien jisimha | Sandra.<br>Rita.<br>Grace.<br>Marija. |
| 3. | Ġanni emigra lejn l-Awstralja | għoxrin sena ilu.<br>tletin sena ilu.<br>erbgħin sena ilu.<br>ħamsin sena ilu. |
| 4. | Qabel ma wasal Malta, it-tfal | kienu rawh darba biss.<br>kienu rawh darbtejn.<br>kienu rawh għoxrin darba.<br>qatt ma kienu rawh. |
| 5. | Dak il-lejl li kellu jasal iz-ziju | ħadd ma raqad.<br>kulħadd raqad.<br>l-awtur raqad ftit.<br>l-kbar biss raqdu. |
| 6. | Sakemm wasal l-ajruplan, it-tfal | qagħdu jaraw l-ajruplani.<br>qagħdu jaraw it-tiżjin tal-Milied.<br>qagħdu jieħdu l-kafè.<br>qagħdu telgħin u niżlin bil-lift. |
| 7. | L-ajruplan illandja | ftit tard milli mistenni.<br>kmieni milli mistenni.<br>fil-ħin.<br>fis-sitta u nofs. |

***It-tieni parti***

| | | |
|---|---|---|
| 8. | Malli wasal id-dar, iz-ziju Ġanni | qagħad jitkellem fuq l-Awstralja.<br>qalilhom li kien se jiżżewweġ.<br>beda jqassam ir-rigali.<br>beda jibki bil-ferħ. |
| 9. | Is-sorpriża kienet li | kien ġabilhom ħafna rigali.<br>kien se jibqa' Malta għal dejjem.<br>kien iżżewweġ fl-Awstralja.<br>kien se jixtri villa. |

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

| | | |
|---|---|---|
| 10. | ***"Kellna seba' mitt sena biex narawh"*** tfisser li | konna ilna ma narawh.<br>stennejnieh bil-ħerqa.<br>qatt ma bsarna li se narawh.<br>kellna seba' mitt sena bejnietna. |
| 11. | ***"Kulħadd ħassu fis-seba' sema"*** tfisser li | kulħadd kien ferħan.<br>kulħadd kien se jsiefer.<br>kulħadd beda jibki.<br>kulħadd ħares lejn is-sema. |
| 12. | ***"Flus kellu kemm jesa' ġildu"*** tfisser li | ma tantx kellu flus.<br>kellu flus kemm jgħaddi.<br>kellu kowt tal-ġild li jiswa ħafna.<br>kellu ħafna flus. |

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** __________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)

**Total: 15-il marka**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Iz-ziju Ġanni wasal Malta | fl-Imnarja.<br>fil-Karnival.<br>fil-Milied.<br>fil-festa tar-raħal. |
| 2. | Omm l-awtur kien jisimha | Sandra.<br>Rita.<br>Grace.<br>Marija. |
| 3. | Ġanni emigra lejn l-Awstralja | għoxrin sena ilu.<br>tletin sena ilu.<br>erbgħin sena ilu.<br>ħamsin sena ilu. |
| 4. | Qabel ma wasal Malta, it-tfal | kienu rawh darba biss.<br>kienu rawh darbtejn.<br>kienu rawh għoxrin darba.<br>qatt ma kienu rawh. |
| 5. | Dak il-lejl li kellu jasal iz-ziju | ħadd ma raqad.<br>kulħadd raqad.<br>l-awtur raqad ftit.<br>l-kbar biss raqdu. |

6. Sakemm wasal l-ajruplan, it-tfal
- qagħdu jaraw l-ajruplani.
- qagħdu jaraw it-tiżjin tal-Milied.
- qagħdu jieħdu l-kafè.
- qagħdu telgħin u niżlin bil-lift.

7. L-ajruplan illandja
- ftit tard milli mistenni.
- kmieni milli mistenni.
- fil-ħin.
- fis-sitta u nofs.

***It-tieni parti***

8. Malli wasal id-dar, iz-ziju Ġanni
- qagħad jitkellem fuq l-Awstralja.
- qalilhom li kien se jiżżewweġ.
- beda jqassam ir-rigali.
- beda jibki bil-ferħ.

9. Is-sorpriża kienet li
- kien ġabilhom ħafna rigali.
- kien se jibqa' Malta għal dejjem.
- kien iżżewweġ fl-Awstralja.
- kien se jixtri villa.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***"Kellna seba' mitt sena biex narawh"*** tfisser li
- konna ilna ma narawh.
- stennejnieh bil-ħerqa.
- qatt ma bsarna li ħa narawh.
- kellna seba' mitt sena bejnietna.

11. ***"Kulħadd ħassu fis-seba' sema"*** tfisser li

- kulħadd kien ferħan.
- kulħadd kien se jsiefer.
- kulħadd beda jibki.
- kulħadd beda jħares lejn is-sema.

12. ***"Flus kellu kemm jesa' ġildu"*** tfisser li

- ma tantx kellu flus.
- kellu flus kemm jgħaddi.
- kellu kowt tal-ġild li jiswa ħafna.
- kellu ħafna flus.

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| | | |
|---|---|---|
| **IL-ĦAMES SENA** | **MALTI (KITBA)** | **ĦIN: Siegħa u kwart** |

Isem ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



***Aqra sew din is-silta.***

## *It-Tfajla Misterjuża*

Kienet waħda mill-mawriet tiegħi fil-beraħ tal-kampanja qalb siġar, mogħdijiet u għerien. Dik id-darba kont ma' sħabi Kolin, Betta, Marjo u Frida. Għal xi ħin tbegħidna minn xulxin. Kont ili ndur waħdi sakemm ġejt quddiem għar. Għamilt il-qalb u bdejt dieħel 'il ġewwa. Ma' kull pass beda ġej iċ-ċpar. Ħin bla waqt, imsarni niżlu f'saqajja għax smajt passi resqin lejja u tgedwid ta' kliem li ma bdejtx nifhem. F'ħakka t'għajn dawl qawwi għammixli għajnejja u ma stajt nara xejn. Imma malajr ħadt ir-ruħ meta għaraft il-vuċijiet taż-żewġt iħbieb subien. Kif għajnejja ġew f'tagħhom ilmaħt ukoll lil ħbiebi bniet. U lissint: "Għall-erwieħ!" *(par.1)*

Malajr iddeċidejna li nesploraw dan l-għar. Kien kemmxejn fond u mudlam imma Kolin seta' jmexxina bit-torċ li kellu f'idu. Domna deħlin. Fil-mixja 'l ġewwa, Betta u Frida bdew ikantaw. Għandhom leħinhom ta' l-anġli. Mal-kant tagħhom bdew jiċċaqilqu kristalli ta' l-ilma li kienu mdendlin mas-saqaf ta' l-għar. Tassew meravilja! Stalaktiti jiżżeffnu u jaħbtu ma' xulxin biex jagħmlu ħsejjes ta' qniepen u ġnieġel żgħar. Bqajna b'ħalqna miftuħ! Kif il-bniet jieqfu jkantaw jieqaf iċ-ċaqliq meraviljuż. "Dawn xi bċejjeċ huma?" għedna kollha flimkien. *(par.2)*



Malajr ħadna r-risposta. F'erba' passi oħra u aktar kant ferrieħ mill-bniet smajna vuċi ta' tfajla tkanta magħhom. Aktar stagħġibna. Imma ma' tmiem il-kant rajna figura ta' tfajla sabiħa quddiemna. Kienet liebsa l-abjad donnha għarusa sejra għat-tieġ. *(par.3)*

Ferħet bina. Kemm ħadet gost bil-kant tal-ħbieb tagħna! Qaltilna dwarha f'dak l-għar. Kienet kantanta għarusa ma' ġuvni fqir. Xi ħadd ħatafha f'jum it-tieġ u tefagħha hemm ġew. Min jaf għaliex? *(par.4)*

Qabel tlaqna tatna romblu karti. Qaltilna biex niftħuh meta noħorġu minn hemm. Konna fuq ix-xwiek biex naraw x'fih. B'għaġeb kbir sibna karti tal-mużika bin-noti miktubin. Frida, li kienet taf iddoqq, stqarret li dik il-mużika kienet għall-kant tal-korijiet. *(par.5)*

*A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b'**sentenzi sħaħ**.*
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* ***(13-il marka)***

1. Fejn mar jimxi l-awtur ta' din l-istorja? ______________________________
______________________________________________________________ (1)

2. Kemm kienu tfal b'kollox? ________________________________________
______________________________________________________________(1)

3. Għaliex l-awtur beda jibża'? ______________________________________
______________________________________________________________ (1)

4. Sib żewġ aġġettivi minn paragrafu 2 li jiddeskrivu l-għar. _______________
______________________________________________________________ (1)

5. Fuq xiex stagħġbu t-tfal? _________________________________________
______________________________________________________________ (1)

6. Iddeskrivi t-tfajla misterjuża. ____________________________________
______________________________________________________________ (1)

7. X'kien ġaralha fil-jum tat-tieġ? ___________________________________
______________________________________________________________ (1)

8. X'tathom qabel ma telqu mill-għar? _________________________________
______________________________________________________________ (1)

9. Mis-silta sib l-espressjonijiet li jfissru dawn:

(a) bżajt ħafna *(par.1)* ________________________________________ (1)

(b) f'daqqa waħda *(par.1)*_____________________________________ (1)

(ċ) mistagħġbin *(par.2 )* _______________________________________ (1)

(d) bla paċenzja *(par.5)* _______________________________________ (1)

10. Kif taħseb li kienet qed tqatta' ħajjitha dik it-tfajla waħedha ġo l-għar?
________________________________________________________________
______________________________________________________________ (1)

B. ***Immarka b'salib*** *ħdejn kull sentenza taħt Veru jew Falz.* ***(8 marki)***

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | L-awtur kien waħdu f'din l-avventura. *(par. 1)* | | X |
| 2. | Din l-avventura ġrat ġo għar. *(par. 1)* | | |
| 3. | Ħbieb l-awtur kienu kollha subien. *(par. 1)* | | |
| 4. | Kolin kellu xemgħa biex imexxihom. *(par. 2)* | | |
| 5. | It-tfal kollha bdew ikantaw. *(par. 2)* | | |
| 6. | Fl-għar raw tfajla sabiħa liebsa l-abjad. *(par. 3)* | | |
| 7. | L-għarus tagħha kien sinjur kbir. *(par. 4)* | | |
| 8. | It-tfajla misterjuża tathom xi karti bil-mużika. *(par. 5)* | | |
| 9. | Frida kienet taf taqra l-mużika. *(par. 5)* | | |

*Ċ. Aqta' sing taħt il-kelma li ma taqbilx ma' l-oħrajn.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(7 marki)***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | abjad | <u>swied</u> | ikħal | aħmar | isfar |
| 2. | tifel | Kolin | Betta | Marjo | Frida |
| 3. | id | sieq | driegħ | għajnejn | widna |
| 4. | għarusa | ġebel | mogħdijiet | għerien | stalaktiti |
| 5. | karti | qniepen | ġnieġel | kpiepel | dwiefer |
| 6. | telqet | stagħġbet | għamilt | ferħet | sabet |
| 7. | miftuħ | miksur | mużika | mixgħul | mudlam |
| 8. | it-tlieta | ir-raba' | il-ħamsa | is-sitta | is-sebgħa |

*D. Oħroġ* **nom mill-verbi** *li jidhru skuri.* ***(5 marki)***

1. Reuben u sħabu kienu ta' spiss **joħorġu** ħarġa fil-kampanja.
2. Wara li **jimxu** ________________ twila jew **jitilgħu** ________________ wieqfa, arahom isibu x'imkien fejn jistrieħu.
3. Darba minnhom Reuben **żelaq** ______________ minn fuq il-blat u **waqa'** ___________________ li żgur se jibqa' jiftakarha.
4. Dak il-ħin **għajjat** _________________ li nstemgħet tidwi minn kullimkien.
5. B'xorti tajba ma kellu xejn gravi.



*E. Imla l-vojt kif meħtieġ.* ***(10 marki)***




Il-Gżejjer Maltin ma fihomx muntanji, iżda fihom ħafna għoljiet. **Il-**Belt Valletta hija mibnija fuq l-Għolja Sciberras. Ħad-Dingli, ______ mdina, ______ mtarfa, ______ Rabat, ______ Naxxar u ______ Għargħur huma mibnijin fuq għolja. Min-naħa l-oħra, postijiet bħal Birżebbuġa, ______ msida, Ħal Qormi u ______ Marsa huma postijiet kważi livell tal-baħar.
Il-gżira ta' Għawdex hija magħrufa bħala l-Gżira tat-Tliet Għoljiet.
Fuq dawn it-tliet għoljiet hemm mibnijin ______ Nadur, ______ Xagħra u ______ Żebbuġ.

**F.** *Daħħal kelma waħda biss fil-vojt biex turi* ***'ħafna ħafna'****.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(6 marki)***



Dak in-nhar tal-mixja, it-tfal telqu mid-dar fi **dlam ċappa**. Għadda ftit tal-ħin u x-xemx, ____________ **nar** fis-sema **ikħal** ______________, uriethom li kien se jkollhom jum sabiħ.

Wara ħafna mixi, saru __________________ **xraba** u ħassewhom **għajjenin** ___________________.

B'xorti ħażina Fabio, wieħed mit-tfal, kellu inċident ikrah ħafna meta żelaq minn fuq il-blat.

Meta sħabu rawh ma' l-art, saru ________________ **lellux** bil-qatgħa li ħadu, aktar u aktar meta Fabio baqa' fl-art **mgħawweġ** _________________ u jgħajjat bl-uġigħ.

**Ġ.** *Imla l-vojt skond il-parentesi.* ***(8 marki)***



Meta t-temp ikun sabiħ, **(l-artiklu)** _________nies iħobbu jmorru **(verb minn *m-x-j*)** ________________ fil-kampanja. Il-mixi huwa tajjeb **(partiċella)** _________________ saħħitna għax iżommna 'l bogħod mill-għażż u nħaddmu ġisimna. Waqt li nkunu fil-kampanja għandna nirrispettaw lin-natura. Mhux l-ewwel darba li xi nies jaqilbu xi **(is-singular ta' *ħitan*)** _________________ tas-sejjieħ jew joqogħdu jidħlu fl-għelieqi u jagħmlu ħafna ħsara lill- **(kelma oħra flok *prodotti*)** ________________ li jkun kabbar **(wieħed li jaħdem fl-għalqa)** il-________________. Meta nkunu fil-kampanja m'**(in-negattiv ta' *għandna*)** ___________________ narmu skart u għandna nżommu kullimkien nadif **(kompli l-idjoma)** ___________________.

G. *Aqra sewwa.*

*Ara x'hemm fil-parentesi.*

*Sib it-tweġiba t-tajba.*

***Wara imla l-vojt.*** **(*8 marki*)**



Dawn huma Claire u Colin Borg, tewmin (*agħżel* ***min, minn, min-***) ____________ Marsalforn.

Għalhekk huma *(ikteb kelma waħda li turi li twieldu* ***Għawdex***) ____________.

Jagħlqu sena fis- *(ikteb in-numru* ***17*** *fi kliem*) ______________ ta' Lulju.

Dak in-nhar *(ikteb kelma waħda li tfisser* ***il-mamà u l-papà****)* ________________ tagħhom se jagħmlulhom il-festa tal-quċċija.

Għal din l-okkażjoni se (*ikteb verb min-nom* ***stedina***) _________________ ħafna nies, fosthom bosta (*kelma minflok* ***nies li jiġu minnhom***) _________________, xi ħbieb, kif ukoll *(kelma minflok* ***nies li joqogħdu ħdejhom***) xi _______________.

It-tewmin qishom id-di u d- *(kompli l-idjoma* ***dar, do, dwejra****)* _________ għax dejjem tarahom flimkien u xi praspura ma tonqosx!

*GĦ. Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:* **(20 marka)**

**1. Il-vaganzi tas-Sajf**

*Għid jekk int hux qed tistenniehom bil-ħerqa u jekk tħobbhomx. Għid ukoll x'taħseb li se tagħmel waqt il-vaganzi.*





**2. Smajt aħbar minn fuq it-televixin li laqtitni.**

*Ikteb dwar din l-aħbar u għid x'effett kellha fuqek.*

**3. Jien għasfur**

*Għid x'tip ta' għasfur int, fejn tgħix, x'avventuri sbieħ jew koroh tgħaddi minnhom, kif tħossok differenti mill-bniedem.*





**4. X'nixtieq insir la nikber.**

*Għid x'tixtieq issir la tikber u semmi r-raġunijiet għaliex tixtieq issir hekk.*

## 5. Salvata mill-għarqa.



*Irrakkonta l-istorja ta' din it-tifla li kienet se tegħreq. Din l-istampa tista' tgħinek.*

*Tmiem il-Karta*

**Tmiem il-Karta**